

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Di Paolo u K. Talabér Ritz, aġenti) u L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċ (rappreżentanti: iniżjalment M. Heikkilä, A. Iber, E. Bigi, E. Maurage u J.-P. Trnka, sussegwentement M. Heikkilä, E. Bigi, E. Maurage u J.-P. Trnka, aġenti, assistiti minn C. Garcia Molyneux, avukat)

## Suġġett

Fl-ewwel lok, talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament ta' diversi atti tal-Kummissjoni jew tal-ECHA, fit-tieni lok, talba intiża sabiex l-ECHA tiġi kkundannata tirrimborsa s-somom li ngābru indebitament u, fit-tielet lok, talba bbażata fuq l-Artikolu 268 TFUE intiża għall-ksib ta' kumpens għad-dannu allegatament subit mir-rikorrenti.

## Dispożittiv

- 1) Ir-rikors, sa fejn huwa mressaq kontra l-Kummissjoni Ewropea, huwa miċħud għaliex inammissibbli.
- 2) Ir-rikors, sa fejn huwa mressaq kontra l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA), huwa miċħud għaliex parzjalment inammissibbli u parzjalment infondat.
- 3) Leone La Ferla SpA hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 291, 5.10.2013.

## Sentenza tal-Qorti Ġeneral tat-8 ta' Settembru 2016 – Lundbeck vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-472/13) (<sup>1</sup>)

[“Kompetizzjoni — Akkordji — Suq tal-prodotti mediċinali ta’ kontra d-depressjoni li jinkludu l-ingredjent farmaċewtiku attiv citalopram — Kunċett ta’ restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għa’ — Kompetizzjoni potenzjali — Prodotti mediċinali ġeneriċi — Barrieri għad-dħul fis-suq li jirriżultaw mill-eżistenza ta’ privattivi — Ftehimiet konklużi bejn il-proprietarju ta’ privattivi u impriżi ta’ prodotti mediċinali ġeneriċi — Artikolu 101(1) u (3) TFUE — Żbalji ta’ liġi u ta’ evalwazzjoni — Obbligu ta’ motivazzjoni — Drittijiet tad-difiża — Ċertezza legali — Multi”]

(2016/C 402/27)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

## Partijiet

Rikorrenti: H. Lundbeck A/S (Valby, id-Danmarka) u Lundbeck Ltd (Milton Keynes, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: R. Subiotto, QC, u T. Kuhn, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment J. Bourke, F. Castilla Contreras, B. Mongin, T. Vecchi u C. Vollrath, sussegwentement F. Castilla Contreras, B. Mongin, T. Vecchi, C. Vollrath u T. Christoforou, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal-rikorrenti: European Federation of Pharmaceutical Industries and Associations (EFPIA) (Genève, l-Isvizzera) (rappreżentanti: F. Carlin, barrister, u M. Healy, solicitor)

## Suġġett

Talba għall-annullament parpjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2013) 3803 final, tad-19 ta’ Ġunju 2013, li tirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 101 [TFUE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ AT.39226 – Lundbeck), u talba għat-tnaqqis tal-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti permezz ta’ din id-deċiżjoni

## Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) H. Lundbeck A/S u Lundbeck Ltd għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom kif ukoll dawk tal-Kummissjoni Ewropea.

3) Il-European Federation of Pharmaceutical Industries and Associations (EFPIA) għandha bħati l-ispejjeż rispettivi tagħha.

(<sup>1</sup>) ĠU C 325, 9.11.2013.

### Sentenza tal-Qorti Ġeneral ta' Settembru 2016 – Marchi Industriale vs ECHA

(Kawża T-620/13) (<sup>1</sup>)

(“REACH — Ħlasijiet dovuti għar-reġistrazzjoni ta' sustanza — Tnaqqis mogħti lill-impriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju — Żball fid-dikjarazzjoni dwar id-daqs tal-impriżza — Rakkomandazzjoni 2003/361/KE — Deċiżjoni li timponi spiżza amministrattiva — Determinazzjoni tad-daqs tal-impriżza — Setgħa tal-ECHA — Obbligu ta' motivazzjoni”)

(2016/C 402/28)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

#### Partijiet

Rikorrenti: Marchi Industriale SpA (Firenze, l-Italja) (rappreżentanti: M. Baldassarri u F. Donati, avukati)

Konvenuta: L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (rappreżentanti: inizjalment M. Heikkilä, A. Iber, E. Bigi, J.-P. Trnka u E. Maurage, sussegwentement M. Heikkilä, E. Bigi, J.-P. Trnka u E. Maurage, aġenti, assistiti minn C. Garcia Molyneux, avukat)

#### Suġġett

Minn naħa, talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni SME(2013) 3747 tal-ECHA, tad-19 ta' Settembru 2013, li tikkonstata li r-rikorrenti ma tissodisfax ir-rekwiżiti sabiex tibbenfika mit-tnaqqis ta' ħlasijiet previst għall-impriżi ta' daqs medju u li timponilha spiżza amministrattiva u, min-naħħa l-oħra, talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tal-fatturi maħruġa mill-ECHA wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni SME (2013) 3747.

#### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Marchi Industriale SpA hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 24, 25.1.2014.

### Sentenza tal-Qorti Ġeneral tat-13 ta' Settembru 2016 – ENAC vs INEA

(Kawża T-695/13) (<sup>1</sup>)

(“Għajnejna finanzjarja — Proġetti ta' interess komuni fil-qasam tan-netwerks transeuropej tat-trasport u tal-enerġija — Twettiq ta' studju għall-iżvilupp intermodali tal-ajrport ta' Bergamo-Orio al Serio — Determinazzjoni tal-ammont finali tal-għajnejna finanzjarja — Spejjeż mhux eliġibbli — Żball ta' liġi — Obbligu ta' motivazzjoni”)

(2016/C 402/29)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

#### Partijiet

Rikorrenti: Ente nazionale per l'aviazione civile (ENAC) (Ruma, l-Italja) (rappreżentanti: G. Palmieri u P. Garofoli, avukati tal-Istat)